**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 1 ta' Gunju, 2018**

Kawza Numru: 424/2016MS

Go plc (C22334)

vs

Marek Drga (KI 178997M)

It-Tribunal

Ra' l-avviz tat- talba prezentat fil-5 ta' Ottubru li permezz tieghu s-socjeta attrici ppremettiet li l-konvenut ghandu jaghtiha s-somma ta' sitt mija u hamsa u sittin Euro u zewg centezmi (€665.02) in konnessjoni ma servizz elettroniku ta' komunikazzjoni maghruf bhala 'Limitless 60' li gie prestat minnha lilu fuq il-kont numru AC40508968.

Ra' d-dokumenti pprezentati mis-socjeta attrici mal-avviz tat-talba. (Dok A, D, C u D.).

Ra' li l-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tat-talba u l-avviz tas-smigh bil-mezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni, u l-kawza giet differita ghal 10 ta' Jannar 2017.

Ra' illi l-konvenut ma pprezentax risposta u lanqas deher biex jikkontesta.

Ra' illi fl-udjenza tal-10 ta' Jannar 2017 it-Tribunal qajjem ex ufficio l-kwistjoni tal-prvilegium fori fit-termini tal-art.741(c) u 767 et seq. tal-Kap 12.

Ra' illi fl-udjenza tas-7 ta' Frar 2017 il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq din il-kwistjoni.

Ra’ s-sentenza tat-22 ta’ Frar 2017 fejn it-Tribunal waqaf milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza u baghat l-atti lir-Registratur sabiex din il-kawza tigi assenjata ghas-smigh lil dan it-Tribunal, diversament kompost, adit biex jisma’ l-kawzi fil-gzira ta’ Ghawdex.

Ra’ illi fit-28 ta’ Dicembru 2017 sar tentattiv iehor biex jigi notifkat il-konvenut.

Ra’ illi fl-udjenza tat-22 ta’ Frar 2018 it-Tribunal awtorizzat in-notifika bil-mezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni ai termini tal-artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Ra’ illi l-konvenut gie debitament notifkat bl-avviz tat-talba u tas-smigh bil-mezz tal-publikazzjoni u affissjoni u l-kawza giet differita ghad-19 ta’ April 2018.

Ra’ illi l-konvenut ma prezentax risposta u l-anqas deher ghas-seduta tad-19 ta’ April 2018.

R’a illi fl-udjenza tad-19 ta’ April 2018, xehdet Mirima Curmi rapprezentanta tas-socjeta’ attrici li kkonfermat li l-ammont reklamat ta’ €665.02 ghadu dovut lis-socjeta attrici fl-intier tieghu.

Ra’ l-atti kollha tal-process

Ikkunsidra

Illi permezz ta’ din it-talba, s-socjeta attrici qieghda titlob il-hlas tas-somma ta’ €665.02 in konnessjoni mas-servizzi ta’ komunikazzjoni provduti minnha lill-konvenut.

Illi fis-seduta mizmuma nhar it-19 ta’ April 2018, ir-rapprezentanta tas-socjeta GO p.l.c., kkonfermat bil-gurament li l-ammont reklamat mis-socjeta attrici kien ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ikkunsidra

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap 380) jiprovvdi espressament fl-Art. 9 (2) li gudikatur ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema’ u jinqata’

sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;

Imbaghad il-Art 13(b) tal-istess Att jipprovdi hekk:

Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:

Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut ……

Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu. Tali dispozizzjoni naturalment m'ghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali.

Fil-kaz odjern, jidher li ghalkemm l-konvenut gie debitament notifikat bil-procedura fuq imsemmija, la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal u ghalhekk it-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' versjoni jew spjegazzjoni ohra li b'xi mod turi li dak li ntqal mis-socjeta attrici m'ghandhiex mis-sewwa.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, is-Socjeta attrici rnexxielha tipprova t-talba filwaqt li l-konvenut ma ressaq ebda kontestazzjoni;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €665.02 bl-imghaxijiet legali kif mitluba mid-data tal-prezentata tal-avviz tat-talba. Spejjez a karigu tal-konvenut.

Dr Michela Spiteri LL.D
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*